MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Talba Numru. 380/2011

**GO p.l.c. (C-22334)**
**Vs**
**Eden Leisure Group Ltd (C-4529) u Eden Hospitality Limited (C-35719)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjetajiet konvenut, jew min minnhom, ghandhom jaghtu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn u disa' ewro u tmenin centezmu (€2009.80), ammont dovut lill-istess socjeta' mittenti in konnessjoni ma ftehim tal- 14 ta' Mejju, 2010 relatat maz-zamma ta' ETNO Workshop on Fraud Control, Cybercrime and Network Security, li nzamm fil-lukanda Intercontinental Malta bejn l- 4 u 8 t'Ottubru, 2010.

Illi nterpellati sabiex jghaddu ghal hlas, il-konvenuti baqghu nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza

kontra s-socjetajiet konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra mill-atti li l-konvenuti b'nota pprezentata fl-14 ta' Novembru, 2011 ammettew it-talbiet tas-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------